**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000117/2015**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 128 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Sofia Ribeiro, Verónica Lope Fontagné, Claude Rolin, Ádám Kósa, Eduard Kukan, Romana Tomc, Anne Sander, Elisabeth Morin-Chartier, Jérôme Lavrilleux, Michaela Šojdrová, Antonio Tajani, Anna Záborská, Danuta Jazłowiecka, David Casa, Georges Bach**
f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: Miżuri ta' prevenzjoni li jindirizzaw id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-UE

Id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi, li tirrifletti żvantaġġi akkumulati mġarrba min-nisa tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u li hija r-riżultat ta' differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, laħqet livell eċċezzjonali ta' 39 %, minkejja l-progress fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-investiment fil-politiki ta' inklużjoni soċjali.

Id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi hija riżultat ta' parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa u l-pożizzjoni ta' żvantaġġ tagħhom fis-suq tax-xogħol, li prinċipalment tirriżulta minn nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. In-nisa jaħdmu anqas u għal anqas sigħat minħabba aċċess limitat għal servizzi ta' ndukrar u minħabba li huma jiddedikaw wisq aktar ħin għal xogħol domestiku mhux bi ħlas.

Sabiex jiġi promoss tkabbir fit-tul u inklużiv, jeħtieġ li nittrattaw it-tnaqqis fid-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi bħala mira ekonomika, marbuta mill-qrib mal-objettivi tal-Ewropa 2020. Il-kisba ta' mira ta' rata tal-impjiegi ta' 75 % għan-nisa madwar l-UE (diġà sodisfatta fil-każ tal-irġiel fil-livell tal-UE) hija kruċjali biex jiġu żgurati pensjonijiet futuri aktar ugwali u s-sostenibilità fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni.

1. X'azzjoni se tieħu l-Kummissjoni biex tegħleb id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi u biex tindirizza l-kawżi sottostanti tagħha? X'miżuri se timplimenta biex tipprevjeni d-diskrepanza futura fil-pensjonijiet bejn is-sessi, speċjalment fil-qasam tat-tisħiħ tal-preżenza tan-nisa u l-opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol u l-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'attenzjoni speċjali għal ċirkostanzi partikolarment diffiċli bħal ta' nisa li jrabbu tfal b'diżabilità?

2. Il-Kummissjoni kif se timmonitorja d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-Istati Membri? Se jiġi stabbilit indikatur tad-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi bħala fattur determinanti ewlieni tal-effikaċja tal-politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u se jiġi inkluż fil-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta u fl-Indikaturi Soċjali tas-Semestru Ewropew?

Imressqa: 30.9.2015
Mgħoddija: 2.10.2015
L-iskadenza għat-tweġiba: 9.10.2015